# IS-SENA 1886

## 105 SNIN ILU

Tlett snin biss wara li ġiet iffurmata l-Banda Sant'Andrija jiġifieri fis-sena 1886, seħħew żewġ avvenimenti sbieħ ħafna għas-Soċjetà.

Mela, kif nafu, hekk kif twaqfet is-Soċjetà Filarmonika Sant'Andrija taħt il-presidenza tas-Sur Giuseppe Micallef, ġie magħżul bħala surmast tal-Banda l-Band Sergeant tal-R.M.F. Tumaso Galea. Ninsabu ċerti li fl-1884 eżattament fit-30 ta' Novembru l-Banda għamlet programm fl-okkażjoni tal-festa ta' Sant'Andrija taħt id-direzzjoni ta' dan is-Surmast bravu. F'dak iż-żmien, Mro. Tumaso Galea kien ukoll surmast direttur tas-Soċjetà Filarmonika di Birkirkara, u kien magħruf ħafna għat-tagħlim u għall-arranġamenti mużikali tiegħu.



***Is-Sur Giuseppe Micallef - il-fundatur ta' l-għaqda.***



***Mro. Tumaso Galea - L-ewwel surmast***

Fl-1886, fil-gazzetta "Malta' ta' l-4 ta' Diċembru f'paġna 2 nsibu miktub li għall-festa ta' dik is-sena l-Banda Sant'Andrija daqqet Innu "Al Martire Sant'Andrea Appostolo" fuq versi ta' wieħed mhux magħruf u mużikat mis-surmast tagħha Mr. Tumaso Galea. Il-gazzetta tkompli tgħid li dan l-innu kien ferm applawdit min-nies preżenti. Hekk naraw kif kważi mill-bidu nett il-Banda Sant'Andrija, kellha rabta kbira ma' dan l-appostlu u dan hu konfermat b'dan l-ewwel innu tagħha. Il-partitura oriġinali ta' dan l-innu li hi fl-arkivji tas-soċjetà u fuq il-partijiet hemm l-ismijiet ta' l-ewwel bandisti li daqqew. Dan l-istess innu kien reġa' ndaqq fil-festi ċentinarji li saru mill-Banda tagħna fl-1983.

F'dik l-istess sena jiġifieri fl-1886, fil-festa kienet iżżanżnet ukoll l-istatwa ta' Malta Gweriera u dan seħħ wara li s-soċi xtaqu li jkollhom statwa li tkun tista' tinrama fil-pjazza għall-festa.



***Partijiet ta' l-Innu ta' Tumas Galea.***

Uħud mis-soċi xtaqu li ssir l-istatwa ta' Santa Maximila peress li din kellha konnessjoni mal-martirju ta' Sant'Andrija u oħrajn xtaqu statwa ta' Malta bħalma kien qiegħed isir f'postijiet oħra. Għaldaqstant kienet saret Laqgħa għas-soċi kollha u fiha ġew ippreżentati żewġ abbozzi, wieħed ta' Malta u l-ieħor ta' Santa Maximila. Il-maġġoranza għażlu 'l Malta u ġiet ordnata l-istatwa ta' Malta għand l-istatwarju Karlu Darmanin. 'Il quddiem l-istatwa ta' Santa Maximila saret xort waħda bi flus li ħarġu xi membri. L-istatwa ta' Santa Maximila għadha sal-lum tintrama fi Triq il-Karmnu fil-festa ta' Sant'Andrija. Il-pedestall għall-istatwa ta' Malta nħadem minn żewġ membri tas-Soċjetà, l-imgħallmin Ġan Patist Cremona u P. Zammit fuq disinn ta' soċju ieħor li għamel isem għall-ħila tiegħu, il-Perit Indri Vassallo. Il-ġbir għal din l-istatwa sar mill-istudenti Giacomo Baldacchino u Francesco Schembri. Fil-festa ta' Sant'Andrija ta' l-1886 l-istatwa ta' Malta intramat fuq pedestall b'żewġ pilandri quddiem il-pesdestall. Din l-istatwa kienet baqgħet tintrama fuq il-pedestall tagħha fil-festa ta' Sant'Andrija sas-sena 1979 meta flokha saret l-istatwa ta' Sant'Andrija.

Iżda f'dik l-istess sena s-Soċjetà kellha ġranet ta' niket ukoll meta fil-21 ta' Mejju 1886, tilfet il-fundatur u l-ewwel President tagħha, s-Sur Giuseppe Micallef.



*L-istatwa ta' Malta fuq il-kolonna.*